

**Sejħa għall-espressjoni ta' interess  
biex tkun stabbilita lista ta' riżerva għall-pożizzjoni ta'**

**Kap ta' Tim - Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Infommazzjoni**

**(Aġent Temporanju, Grad AD8)**

**fl-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

**REF.: ACER/2018/03**

**Pubblikazzjoni**

**Esterna**

**Titulu tal-Kariga**

**Kap ta' Tim - Ġestjoni tar-Riżorsi  
tal-Infommazzjoni**

**Direttorat Ġenerali Prinċipali / Servizz**

**DĠ ENER (BXL)**

\*\*\*\*\*

## **1. AĦNA**

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") hija korp tal-Unjoni Ewropea ("UE"), imwaqqfa legalment permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009<sup>1</sup>, u ilha taħdem mill-2011. L-Aġenzija, li hija bbażata f'Ljubljana (is-Slovenja), hija importanti ħafna għal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku u l-gass naturali tal-UE.

L-iskop tal-Aġenzija huwa li tassisti lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali ("ARN") sabiex jeżerċitaw, fil-livell tal-Unjoni, il-kompiti regolatorji li jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun hemm bżonn, sabiex jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-Aġenzija:

- a) Tikkumplimenta u tikkoordina l-ħidma tal-ARN;
- b) Tipparteċipa fl-iżvilupp ta' regoli tan-netwerk Ewropew;
- c) Tieġu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjonijiet individwali vinkolanti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u għas-sigurtà operazzjonali għall-infrastruttura transkonfinali, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali għal Proġetti ta' Interess Komuni u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk;

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1).

- d) Tagħti pariri fuq kwistjonijiet marbutin mal-elettriku u l-gass naturali lill-istituzzjonijiet Ewropej;
- e) Tissorvelja s-swieq interni fl-elettriku u l-gass naturali u tirrapporta fuq is-sejbiet tagħha;
- f) Tissorvelja l-kummerċ fil-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa sabiex tidentifika u trażżan l-abbuż tas-suq u tiżgura l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-UE.

L-oqsma ewlenin li fuqhom jiffukaw l-attivitajiet tal-Aġenzija huma:

- is-sostenn tal-integrazzjoni tas-suq Ewropew: dan isir l-aktar billi jiġu żviluppati regoli komuni dwar in-netwerk u s-suq, kif ukoll billi jkun hemm koordinazzjoni ta' inizjattivi reġjonali li huma sforzi konkreti li jieħdu l-parteċipanti fis-suq sabiex jaħdmu lejn integrazzjoni ikbar,
- għoti ta' pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea: l-Aġenzija toħroġ opinjonijiet fuq pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk għal għaxar snin sabiex tiżgura li dawn ikunu konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE, u dwar l-abbozz ta' listi ta' Proġetti ta' Interess Komuni,
- monitoraġġ tas-suq tal-enerġija: l-Aġenzija għandha missjoni ġenerali f'termini ta' monitoraġġ tas-suq fil-livell tal-UE u, ilha minn tmim l-2011, b'responsabbiltà speċifika ħafna fir-rigward tas-sorveljanza tan-negozjar tal-enerġija bl-ingrossa.

Bħalissa l-Aġenzija timpjega aktar minn 80 membru tal-persunal u għas-sena 2018 għandha baġit annwali approvat ta' EUR 13.6 miljun. L-istruttura interna tal-Aġenzija tinqasam f'ħames Dipartimenti (Elettriku, Gass, Sorveljanza u Kondotta tas-Suq, Integrità u Trasparenza tas-Suq u Amministrazzjoni) u l-Uffiċċju tad-Direttur. Jekk jogħġbok ara l-organigramma tal-Aġenzija fil-link li jmiss: [http://www.acer.europa.eu/en/The\\_agency/Organisation/Pages/ACER-departments.aspx](http://www.acer.europa.eu/en/The_agency/Organisation/Pages/ACER-departments.aspx)

L-Aġenzija tinsab f'Ljubljana (is-Slovenja).

## 2. NIPPROPONU

L-Aġenzija qed tfittex li tistabilixxi lista ta' riżerva għall-pożizzjoni ta' Kap ta' Tim - Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Infommazzjoni. Id-detentur ta' impjeg se jiġi assenjat lid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni.

Il-kompiti tal-Kap ta' Tim - Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Infommazzjoni fid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni ser jinkludu dan li ġej:

- Li jkun responsabbli għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni tat-Tim ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Infommazzjoni tal-Aġenzija (minn hawn 'il quddiem imsemmi "Tim IRM"), iqassam il-kompiti, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet lill-membri tat-Tim IRM, jiddefinixxi Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) u l-prijoritajiet għat-Tim IRM, jipprovdi tmexxija effettiva, jidentifika il-ħtiġijiet ta' taħriġ u għarfien li għandhom jiġu żviluppati fi ħdan it-tim;
- Joħloq, jiddefinixxi, jiżviluppa u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija multiannwali ta' Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (minn issa 'l quddiem "ICT"), il-Politika dwar l-ICT u l-pjan ta' ħidma annwali tal-IT, eċċ .;
- Jipprepara dokumentazzjoni relatata mal-politika u l-linji gwida tal-ICT;
- Ikun membru u koordinatur tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-ICT tal-Aġenzija (li jinkludi d-Direttur u l-Kapijiet tad-Dipartiment), iħejji x-xoġhol u l-attivitajiet relatati kollha u jiżgura rappurtar u segwitu billi jikkoordina mal-Esperti l-oħra tal-IT tal-Aġenzija;

- Ikun responsabbli għad-disinn, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Arkitettura tal-IT tal-Aġenzija (b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji u l-prattiki tal-Arkitettura tal-Intrapriża), l-infrastruttura tal-IT u ċentru tad-Data;
- Jiżgura l-ġestjoni effiċjenti, l-appoġġ, is-sigurtà, il-manutenzjoni u l-aġġornament tas-sistemi tal-ICT tal-Aġenzija, tas-servers, tal-infrastruttura virtwali, is-sistemi ta' backup, l-għodod ta' monitoraġġ, is-Sit ta' Rkupru ta' Diżastri, uffiċċju ta' servizz, appoġġ lill-utent, eċċ.;
- Ikun responsabbli għall-operazzjonijiet tal-ICT, is-servizzi tal-IT (ibbażati fuq Prattiki ITIL), u għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-iskjerament, il-manutenzjoni u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet u sistemi tal-operat;
- Jiġbor ir-rekwiżiti tal-operat minn madwar l-Aġenzija u, skont l-istrateġija tal-ITC, jittraduċihom f'soluzzjonijiet/servizzi tal-ICT, jirrapporta u jikkomunika l-progress u l-istatus lill-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u lid-Direttur, kif xieraq;
- Iżomm l-interoperabilità tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tal-ICT tal-Aġenzija.
- Jagħmel stima, jitlob, jimmonitorja u jamministra r-riżorsi baġitarji annwali allokat li-Tim IRM (infrastruttura tal-IT, operat, servizzi u kuntratti tal-IT u proġetti) u l-linji baġitarji relatati;
- Ikun responsabbli għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-akkwist tat-Tim IRM (skont ir-regoli tal-akkwist tal-UE), jiddefinixxi termini ta' referenza, ifassal jew jiżgura speċifikazzjonijiet tekniċi xierqa għal offerti, iwettaq l-evalwazzjoni teknika tal-offerti riċevuti, taħt il-gwida tat-Tim ta' Ġestjoni tal-Akkwist u tal-Kuntratti, jipparteċipa fil-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-offerti;
- Jamministra kuntratti relatati mal-ICT, kuntratturi, fornituri u fornituri ta' servizzi tal-ICT, jimmonitorja l-SLAs, jipprovdri rappurtaġġ lill-maniġment u lil partijiet interessati ewlenin interni.

Il-kandidat li jintgħażel jista' jkun meħtieġ, kull tant żmien, jassisti f'oqsma ta' ħidma oħrajn tal-Aġenzija, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet, kif ipplanat u ddefinit mill-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni jew kif iddeterminat mid-Direttur.

Il-kompiti u n-natura tal-kariga jistgħu jinbidlu fil-ġejjieni bħala riżultat ta' kwalunkwe riorganizzazzjoni possibbli tal-attivitajiet relatati mal-IT fl-Aġenzija.

### **3. QEGĦDIN INFITTXU**

#### **A) Kriterji ta' eliġibbiltà**

Il-kandidati ser jiġu kkunsidrati eliġibbli għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tal-kriterji formali li ġejjin li jridu jiġu ssodisfati sad-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet:

1. Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji kompluti ta' minn tal-inqas erba' (4) snin iċċertifikati b'diploma.

jew

Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet (3) snin;

*(Titoli ta' studji li ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma soġġetti għaċ-ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmijin biss sejr in jiġu kkunsidrati).*

2. Sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, il-kandidati għandhom, wara li jkunu kisbu l-kwalifiki msemmija fil-punt 3.A.1, ikunu kisbu mill-inqas disa' (9) snin ta' esperjenza professjonali;
3. Ikollhom għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup> u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi (livell B2 tal-QKERL<sup>3</sup>) tant li jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom;
4. Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
5. Ikunu intitolati għad-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini;
6. Ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
7. Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-kariga<sup>4</sup>.

## B) Kriterji tal-għażla

Il-kriterji li ġejjin se jn jiġu evalwati meta jintgħażlu l-kandidati għall-intervisti:

### L-għarfien tekniku:

1. Lawrea universitarja f'qasam rilevanti għal din il-kariga, jgħifieri l-IT (Teknoloġija tal-Infommazzjoni, Xjenza tal-Kompjuters, Inġinerija Elettrika, Fiżika, Matematika);
2. Sad-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet, ikun kiseb tal-inqas sitt (6) **snin esperjenza professjonali rilevanti**<sup>5</sup> wara li jkun kiseb il-kwalifiki msemmijin fil-punt 3 A) hawn fuq;
3. Għarfien f'wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin: Metodoloġiji tal-Ġestjoni tas-Servizzi (bħall-ITIL), metodoloġiji tal-Ġestjoni tal-Proġetti (bħal PM<sup>2</sup>, Prince 2, PMI, PMBOK, eċċ.); u metodoloġiji tal-Governanza tal-IT (bħal COBIT);
4. Għarfien sod tal-ġestjoni tal-proġetti: ġestjoni jew parteċipazzjoni ta' proġetti relatati mal-iżvilupp tas-softwer, l-infrastruttura u s-servizzi tal-IT, produzzjoni ta' artefatti rilevanti, ġestjoni tal-kuntratturi u kuntratti rilevanti;
5. Għarfien tajjeb tal-prinċipji u l-prassi tal-Arkitettura ta' Intrapriża;
6. Għarfien tajjeb tal-prinċipji u l-prassi tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni (eż. ISO/IEC 27001);
7. Esperjenza fi rwol ta' tmexxija (eż., tmexxija ta' tim, ġestjoni ta' portafoll ta' proġetti, jew simili).

### Il-komunikazzjoni u ħiliet personali oħrajn:

1. Għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż miktub u mitkellem (livell C2 tal-QKERL);
2. Kapaċità mixhuda bi prova ta' tmexxija ta' tim u ta' ħidma taħt pressjoni, flimkien mal-kapaċità ta' ħidma fuq bosta proġetti simultanament;
3. Ħiliet analitiċi u ta' solvien tal-problemi eċċellenti;

<sup>2</sup> Il-lingwi tal-UE huma: Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, l-Irlandiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, l-Isloven, l-Ispanjol, u l-Iżvediż.

<sup>3</sup> Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi, disponibbli fil-link li ġej: <https://www.coe.int/en/web/common-european-framework-reference-languages/level-descriptions>

<sup>4</sup> Qabel jinħatar, kandidat li jintgħażel għandu jgħaddi minn eżami mediku li jsir minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tal-istituzzjonijiet sabiex l-Aġenzija tkun ċerta li jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 28(e) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>5</sup> L-esperjenza professjonali tingħadd biss miż-żmien meta l-kandidat ikun kiseb id-diploma u l-esperjenza meħtieġa biex ikun eliġibbli. Aktar tard, il-kandidat ser jintalab jipprovdi dokumenti ġustifikattivi li jikkonfermaw it-tul u l-livell tal-esperjenza professjonali tiegħu/tagħha

4. Esperjenza ta' ħidma f'ambjent internazzjonali li tindirizza firxa varjata ħafna ta' partijiet ikkonċernati.

Il-komunikazzjoni u ħilet personali oħrajn jiġu vvalutati fil-fażi tal-intervista orali u fl-eżami bil-miktub.

Il-kandidati huma mitluba li fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom jispjegaw fil-qosor f'liema pożizzjonijiet kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi;

#### **4. GĦAŻLA U ĦATRA**

Il-Kumitat tal-Għażla ser jevalwa l-applikazzjonijiet u jagħżel lil dawk il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u dawk li l-aktar jilhqgħu l-kriterji tal-għażla.

Il-Kumitat tal-Għażla ser jagħmel ħiltu biex jistieden tal-inqas sitt kandidati u mhux aktar minn tmien kandidati għal intervista u test bil-miktub. Madankollu, dawn in-numri jistgħu jiżiedu fil-każ ta' numru ikbar ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni jew jonqsu fil-każ ta' numru limitat ta' applikanti eliġibbli u/jew numru limitat ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni.

L-intervista u t-test se jrrin jiffokaw fuq l-aspetti li ġejjin:

- Kompetenzi u għarfien speċifiċi tal-lingwi b'referenza għall-kriterji tal-għażla ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess.
- L-apitudnijiet ġenerali sal-punt meħtieġ għall-prestazzjoni tad-dmirijiet b'konformità mal-Artikolu 12.2.e tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS);

L-Aġenzija se jra tfassal lista ta' riżerva tal-iktar kandidati adattati.

B'konformità mad-Deċiżjoni tad-Direttur 2017/16, il-kandidati li jgħibu marka minima ta' 70 % biex jikkwalifikaw fit-test bil-miktub u l-intervista ser jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva. Il-lista ta' riżerva ser tkun valida sal-31/12/2019. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur.

Il-kandidati kollha se jrrin jiġu informati dwar l-eżitu tal-proċedura.

Ir-reklutaġġ ser ikun suġġett għad-disponibbiltà baġitarja u għall-assenjament tal-karigi mill-Awtorità Baġitarja.

#### **5. OPPORTUNITAJIET INDAQS**

L-Aġenzija tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u taċċetta u tittratta l-applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon, politika jew xi opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

#### **6. KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG**

Il-kandidat li jintgħażel se jrrin jinħatar mid-Direttur bħala Aġent Temporanju fil-grad AD8 skont l-Artikolu 2f tas-CEOS għal perjodu ta' 5 snin li jista' jiġġedded.

Il-paga u l-benefiċċji soċjali: il-paga ta' membri tal-persunal tikkonsisti f'salarju bażiku, għotjiet u benefiċċji oħrajn. Skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini, id-detentur

tal-impjeg jista' jkun intitolat għal: benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju għat-tfal dipendenti, benefiċċju għall-edukazzjoni, benefiċċju għat-tfal għas-snin ta' qabel l-edukazzjoni formali, rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija, indennizz tas-sussistenza temporanju ta' kuljum, gratifika ta' insedjament u benefiċċji oħrajn. Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali; minflok, titħallas taxxa Komunitarja mis-sors.

Grupp ta' Funzjoni / Grad	Rekwiżiti minimi għall-klassifikazzjoni pass, pass (livell meħtieġ ta' studji universitarji + numru minimu ta' snin ta' esperjenza wara l-gradwazzjoni mill-università)	Salarju bażiku fix-xahar (gross)	Stima tas-salarju nett fix-xahar, inklużi konċessjonijiet speċifiċi <sup>6</sup>
AD8 skala1	lawrea universitarja ta' mill-inqas 4 snin (jew lawrea universitarja ta' 3 snin + 1 sena esperjenza professjonali) f'qasam rilevanti għal din il-kariga + sa 12-il sena esperjenza f'xi oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjeg	EUR 6,818.11	EUR 5,928.35
AD8 skala2	lawrea universitarja ta' mill-inqas 4 snin (jew lawrea universitarja ta' 3 snin + 1 sena esperjenza professjonali) f'qasam rilevanti għal din il-kariga + aktar minn 12-il sena esperjenza f'xi oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjeg	EUR 7,104.61	EUR 6,127.45

Benefiċċji addizzjonali:

- Intitolament għal liv annwali ta' jumejn għal kull xahar kalendarju flimkien ma' jiem addizzjonali għall-età u għall-grad, flimkien ma' 2.5 ġranet liv għall-persunal espatrijat, u minbarra dan, 19-il btala tal-ACER kull sena;
- L-Iskema tal-Pensjonijiet tal-UE (wara 10 snin ta' servizz);
- Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard tal-UE (JSIS) u kopertura tal-assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard kkaġunati mix-xogħol, il-qgħad u benefiċċju u assicurazzjoni għal invalidità.

## 7. PROTEZZJONI TAD-DATA

L-għan tal-ipproċessar tad-data li l-kandidati jissottomettu huwa li jimmaniġġjaw l-applikazzjoni(jiet) tagħhom fid-dawl tal-possibbiltà ta' għażla minn qabel u reklutaġġ fl-Aġenzija. Id-data personali hija pproċessata minn u aċċessibbli għall-persunal awtorizzat tal-Aġenzija. F'ċerti każijiet, esperti esteri, ukoll marbut bl-istess prinċipji ta' protezzjoni tad-data, jista' jgħin lill-Aġenzija fl-għażla tal-kandidati.

L-Aġenzija taderixxi għal u hija regolata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea. L-Aġenzija hija sorveljata mill-KEPD, <http://www.edps.europa.eu>. Għal aktar mistoqsijiet il-kandidati jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fuq: [DPO@acer.europa.eu](mailto:DPO@acer.europa.eu). Il-kandidati huma mistiedna jikkonsultaw id-dikjarazzjoni ta' privatezza li tispjega kif l-Aġenzija tipproċessa d-data

<sup>6</sup> Stima tas-salarju nett, inkluż it-tnaqqis għat-taxxa, il-koeffiċjent korrettiv (fil-preżent 81.5 % għas-Slovenja u 100 % għall-Belġju), u s-sigurtà soċjali u ż-żieda tal-konċessjonijiet (din l-istima ġiet ikkalkulata bil-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-unità domestika, u b'benefiċċju għal wild dipendenti wieħed). Il-benefiċċji jiddependu fi kwalunkwe każ fuq is-sitwazzjoni personali tal-Kandidat.

personali fir-rigward tar-reklutaġġ u l-ġħażliet.

## 8. PROCĊEDURA TAL-APPLIKAZZJONI

Biex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati għandhom jissottomettu (f'PDF jew f'format Word):

- Curriculum vitae komplut u dettaljat bl-Ingliż u f'format CV Ewropew (Europass)<sup>7</sup> - **formati oħra ma jiġux ikkunsidrati**
- ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' paġna waħda) bl-Ingliż li fiha jispjegaw f'liema karigi kisbu l-ġħarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi identifikati fit-Taqsima 2 ta' dan l-avviż ta' post battal.
- Formola mimlija ta' eliġibilità

**Applikazzjonijiet li mhumiex kompluti huma kkunsidrati bħala mhux validi.**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'posta elettronika fuq [SELECTIONS-ACER-2018-03@acer.europa.eu](mailto:SELECTIONS-ACER-2018-03@acer.europa.eu) filwaqt li jikkwotaw in-numru ta' referenza ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess.

Dokumenti ġustifikattivi (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, provi ta' esperjenza, eċċ.) ma għandhomx jintbagħtu għalissa iżda fi stadju aktar tard tal-proċedura meta jintalbu.

Sabiex il-proċess tal-ġħażla jiġi ffaċilitat, kull komunikazzjoni mal-kandidati rigward din is-selezzjoni ser issir bl-Ingliż.

Taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom il-kandidati javviċinaw lill-Kumitat tal-Ġħażla, b'mod dirett jew indirett, dwar dan ir-reklutaġġ. L-Awtorità Awtorizzata biex Tikkonkludi Kuntratt tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-ordni.

**L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika sa 09/09/2018 (23:59 ħin ta' Ljubljana).**

Jekk f'xi mument fil-proċedura jiġi stabbilit li hemm xi informazzjoni skorretta pprovduta mill-kandidat, il-kandidat inkwistjoni jiġi skwalifikat.

Għal aktar tagħrif dwar il-proċedura ta' selezzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta l-ġwida għall-kandidati fuq is-sit web tal-Aġenzija:

[http://www.acer.europa.eu/The\\_agency/Working\\_at\\_ACER/Pages/FAQs-on-working-at-ACER.aspx](http://www.acer.europa.eu/The_agency/Working_at_ACER/Pages/FAQs-on-working-at-ACER.aspx).

---

<sup>7</sup> Il-mudell tal-Europass huwa disponibbli fil-link li ġej: <https://europass.cedefop.europa.eu/>

## 9. APPELLI

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Aġenti Oħrajn, kandidat jista' jressaq ilment kontra att li jaffettwa lillu/lilha b'mod ħażin. L-ilment għandu jitressaq fi żmien tliet (3) xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Human Resources Management  
Agency for the Cooperation of Energy Regulators (ACER)  
Trg Republike 3  
1000 Ljubljana – Slovenia

Jekk l-ilment jiġi rifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni, kandidat jista' jitlob reviżjoni ġudizzjarja tal-att. L-appell irid jiġi ppreżentat fi żmien tliet (3) xhur mid-data tan-notifika fuq l-indirizz li ġej:

Registry  
The General Court  
Rue du Fort Niedergrünewald  
L-2925 Luxembourg  
Luxembourg

Kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod fi Stat Membru tista' tressaq ilment dwar amministrazzjoni ħażina skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-ilment għandu jitressaq fi żmien sentejn minn meta ssir konxju tal-fatti li huwa bbażat fuqhom l-ilment fl-indirizz li ġej:

The European Ombudsman  
1, Avenue du President Robert Schuman - BP 403  
F-67001 Strasbourg Cedex  
France

Jekk jogħġbok kun af li l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew ma għandhomx l-effett ta' sospensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni għas-sottomissjoni ta' lmenti jew il-preżentazzjoni ta' appell skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota wkoll li skont l-Artikolu 2(4) tal-[Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw it-tweqqig tad-dmirijiet tal-Ombudsman](#), kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman Ewropew irid ikun preċedut mill-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.